**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Frar, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 648/2020 AF**

**SSL Scaffolding Limited (C-50989)**

**vs**

**Taca Insaat Ve Ticaret A. S. (OC 1225)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' SSL Scaffolding Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-kumpannija attrici tipprovdi servizzi ta' *scaffolding*, fosthom kiri, armar, zarmar u servizzi ancillari ohrajn.

Permezz ta’ ftehim tas-7 ta’ Frar 2020 (Dok. A), il-kumpannija attrici weghdet u obbligat ruhha li tippresta s-servizzi taghha, fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta, u dan taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra.

Effettivament, il-kumpannija attrici pprestat is-servizzi taghha skond il-ftehim tas-7 ta’ Frar 2020, u anke skond kif gie miftiehem ulterjorment minn zmien ghal zmien, fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta, u dan kif jirrizulta mill-fatturi u mir-rendikont hawn annessi (Dok. B).

Madanakollu, minkejja li l-kumpannija konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, lill-kumpannija attrici, s-somma kumplessiva ta’ sitta u sebghin elf, tmien mija u sittax-il Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€76,816.58), rapprezentanti l-valur tas-servizzi li gew rezi mill-kumpannija attrici kif inghad, l-istess kumpannija konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Jezistu r-rekwiziti kollha skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex dan ir-rikors guramentat jigi deciz bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, u dan billi l-hlas tas-somma ta’ sitta u sebghin elf, tmien mija u sittax-il Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€76,816.58), dovut mill-kumpannija konvenuta lill-kumpannija attrici, jikkwalifika bhala dejn illi huwa cert, likwidu, u li ghalaq, u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta’ fatt, u billi, sa fejn huwa maghruf mill-kumpannija attrici, l-kumpannija konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba ghall-hlas tas-somma msemmija.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Tiddikjara illi l-kumpannija konvenuta hija debitrici tal-kumpannija attrici fis-somma ta’ sitta u sebghin elf, tmien mija u sittax-il Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€76,816.58), rapprezentanti l-valur ta’ servizzi li gew rezi mill-kumpannija attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta.

3. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas, lill-kumpannija attrici, s-somma msemmija ta’ sitta u sebghin elf, tmien mija u sittax-il Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€76,816.58).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju tal-10 ta’ Lulju 2020, ossia mandat numru 865/2020m u bl-imghaxijiet, dekoribbli mil-lum sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpannija konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tas-socjeta’ intimata.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba;

Tilqa’ t-tieni talba kif dedotta;

Tilqa’ t-tielet talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez jithallsu minn Taca Insaat Ve Ticaret A.S.

IMHALLEF

DEP/REG